SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU AD HOC**

**5 ta' Jannar, 2011**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-5.35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis, il-Viċi Sindku David Dalli u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, Neville Mallia u Mikhail Micallef.

**APOLOĠIJI** (Skont Ord Perm 14(3))

Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat tal-Kappara Dr Frank Bartolo minħabba xogħol.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis ippresjeda.

Fuq talba li saret, is-Sindku ssospenda r-regolamenti tal-laqgħa, fejn il-Kunsillier Marica Bayliss ippreżentat ittra li bagħtet lid-Direttur Ġenerali li ġiet moqrija fil-laqgħa u tinsab anessa ma' dawn il-minuti bħala "Dok A".

**1. Diskussjoni dwar l-Abozz ta' l-Estimi Annwali 2011**

1.1 Is-Sindku ppreżenta l-abozz tal-estimi annwali għas-sena 2011, li jinsab aness ma' dawn il-Minuti bħala "Dok B".

1.2 Is-Sindku ta d-dettalji tal-Estimi, fejn semma li mill-previżżjoni għas-sena 2010 jidher li l-Kunsill kien se jispiċċa b'defiċit minimu, filwaqt li għall-Estimi ppjanati għal 2011 kien qed jiġi pproġettat li jkun hemm konformita' mal-Liġi, fejn jinżamm 10% bħala bilanċ.

1.3 Is-Sindku spjega wkoll illi tali bilanċ hu għan-nefqa ri-korrenti u dik kapitali tal-Kunsill, iżda eskluż minnha hu l-proġett tal-PPP, u fl-eventwalita' li l-Kunsill jidħol għal dan il-proġett hu ppjanat li jkun hemm defiċit ta' ftit iktar minn €40,000.

1.4 Il-Kunsill unanimament qabel fil-prinċipju illi l-Estimi Annwali jitressqu fil-laqgħa annwali tal-lokalita' kif proposti.

1.5 Kien hemm ukoll qbil unanimu illi fid-dawl tal-qagħda finanzjarja, kif proġettata, tinżamm laqgħa mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

1.6 Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar il-bdil fis-sistema tal-infurzar tal-Liġi, fejn minn din is-sena il-Kumitat Reġjonali se jieħu l-fondi kollha, fejn dan se jwassal għal tnaqqis ta' ammont sostanzjali ta' dħul.

1.7 Il-Kunsill ikkunsidra l-ammont ta' *overtime* li qed isir mill-impjegati tiegħu, fejn kien ukoll imsemmi li ammont sostanzjali tal-ħin qiegħed jittieħed sabiex isir ix-xogħol klerikali għas-sistema tal-infurzar tal-Liġi, fejn kien ukoll imsemmi li fil-laqgħa li nżammet mal-President tar-Reġjun irriżulta li l-Kumitat mhux se jiffinanzja tali spiża tal-Kunsill filwaqt li se jżomm kull qliegħ finanzjarju, li issa wkoll se jonqos mid-dħul ta' dan il-Kunsill.

1.8 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

1.9 *"Il-Kunsill jaqbel, illli wara li kkunsidra l-abozz tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2011, jibgħat ittra lil Kumitat Reġjonali fejn jinfurmah li mhux se jibqa jaċċetta ħlasijiet ta' multi li joħorġu mis-sistema tal-infurzar tal-Liġi ħlief mingħand residenti ta' San Ġwann biss, u li d-Direttur Ġenerali, Kunsilli Lokali jiġi kkupjat b'din id-deċiżjoni."*

1.10 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Violet Bajada u approvata unanimament.

1.11 Is-Segretarju Eżekuttiv se jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali minħabba l-konsegwenzi li tista' ġġib tali deċiżjoni.

1.12 Wara diskussjoni dwar il-possibilita' li l-Kunsill japplika għal fondi taħt l-iskema maħruġa mill-Awtorita' tad-Djar kien hemm proposta mill-Kunsillier Marica Bayliss, issekondata mis-Sindku sabiex issir applikazzjoni għal bdil tal-wiċċ ta' Misraħ Awrikarja.

1.13 Fuq proposta tal-Kunsillier Neville Mallia, ssekondata mill-Kunsillier Violet Bajada, kien hemm qbil li għal dan il-proġett jiġu wkoll inklużi xi bankini, liema emenda kienet approvata b'seba' voti favur, astenzjoni u vot kontra.

1.14 Il-Kunsill approva, b'astenzjoni, mal-proposta kif emendata, u ossija li l-applikazzjoni tkun sew għal bdil tal-wiċċ ta' Misraħ Awrikarja kif ukoll għal bankini.

1.15 Fir-rispett ta' bankini kien hemm qbil li sa żmien ġimgħa mid-data tal-laqgħa, l-Membri tal-Kunsill jagħtu l-ismijiet tat-toroq fejn kien hemm tali ħtieġa.

1.16 Peress li l-applikazzjoni kienet titlob illi jkun hemm stima ta' perit, il-Kunsill unanimament qabel li jkun ingaġġat il-Perit tal-Kunsill li jħejji l-pjanti u l-istimi neċessarji wara laqgħa li tkun saret miegħu fuq il-post.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Pagamenti u Onorarja lil Membri tal-Kunsill

2.1 Wara li kien spjegat il-metodu l-ġdid sabiex il-Kunsill ikun aċċetta l-validita' tan-nuqqas ta' preżenza ta' Kunsilliera, kien hemm qbil unanimu li kull min ma kienx preżenti jiġi aċċettat skont it-termini tal-Liġi.

2.2 Kien ukoll spjegat li minn din is-sena tali proċess ser jibda jsir f'kull laqgħa.

**3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: *Performance Appraisal Report* tal-Impjegati kollha tal-Kunsill**

3.1 Is-Sindku ressaq il-*performance appraisal report* li hu ħejja dwar l-operat tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2010.

3.2 Saret diskussjoni dwar diversi punti mressqa dwar l-operat amministrattiv tas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll ta' l-impjegati.

3.3 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

3.4 *"Il-Kunsill japprova l-performance appraisal report tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2010 u jipproponi performance bonus massimu ta' 10%."*

3.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku.

3.6 Il-votazzjoni kienet ta' erba voti favur, erba voti kontra u astenzjoni.

3.7 Fuq talba li saret, il-voti favur kienu tas-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Kunsillier Rita Saliba u l-Kunsiller Mikhail Micallef, l-vot kontra kienu tal-Kunsilliera Anthony Mifsud Bonnici, Joan Farrugia, Marica Bayliss u Neville Mallia, filwaqt li l-astenzjoni kienet tal-Kunsillier Violet Bajada.

3.8 Is-Sindku ddikjara d-dritt tal-*casting vote* tiegħu favur il-mozzjoni, u għaldaqstant il-mozzjoni għaddiet.

3.9 Is-Sindku nforma lil Kunsill bil-*performance appraisal reports* imħejjija mis-Segretarju Eżekuttiv dwar l-impjegati kollha tal-Kunsill, fejn kien elenkat ħidma pożittiva u ppropona li jingħataw il-massimu tal-*performance bonus*.

3.10 Kien diskuss ir-rapport dwar l-Assistent Prinċipali Ewlieni Nadia Fenech.

3.11 Kien hemm qbil uanimu li jiġi approvat ir-rapport u r-rakkomandazzjoni ta' 6% bħala *performance bonus*.

3.12 Kien diskuss ir-rapport l-Assistent Prinċipali Ewlieni Doreen Polidano.

3.13 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

3.14 *“Il-Kunsill jaqbel li jiġi approvat ir-rapport dwar l-APO Doreen Polidano u li tingħata l-massimu tal-performance bonus, dak ta’ 6%.”*

3.15 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u għaddiet b’sitt voti favur u tliet astenzjonijiet.

3.16 Kien diskuss ir-rapport dwar l-Uffiċjal Eżekuttiv Tiziana Zammit.

3.17 Il-Viċi Sindku ressaq din il-mozzjoni:

3.18 *“Il-Kunsill jaqbel li jiġi approvat ir-rapport dwar l-UE Tiziana Zammit u li tingħata l-massimu ta’ performance bonus, dak ta’ 6%.”*

3.19 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u għaddiet bi tmien voti favur u astenzjoni.

3.20 **“Wara li l-Kunsillier Marica Bayliss issuġġerit illi Tiziana Zammit titla’ għal Skala 11,”** is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

**Emendata Laqgħa nr. 16 kontinwazzjoni 1**

3.21 *“Il-Kunsill jaqbel ma’ rakkomandazzjoni tar-rapport u għaldaqstant l-UE Tiziana Zammit tiġi promossa għal Skala 11.”*

3.22 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Mikhail Micallef u għaddiet unanimament.

3.23 Kien diskuss ir-rapport dwar l-Iskrivana Maria Bonnici.

3.24 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

3.25 *“Il-Kunsill jaqbel li jiġi approvat ir-rapport dwar l-Iskrivana Maria Bonnici u li tingħata l-massimu ta’ performance bonus, dak ta’ 6%.”*

3.26 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u approvata bi tmien voti favur u astenzjoni.

## 4. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Pagamenti tas-Servizzi Ewlenin

4.1 Il-Kunsill ikkunsidra l-iskeda ta’ pagamenti numru 33B, li tinsab anessa ma’ dawn il-minuti bħala “Dok Ċ”

4.2 Kien speċifikat illi l-pagament mitlub minn *Twish Co. Ltd*, u li jammonta għal €70, kien se jingħata bħala donazzjoni għal MCCF.

4.3 Il-Kunsillier Rita Saliba ressqet din il-mozzjoni:

4.4 *"Il-Kunsill japprova l-iskedi ta' pagamenti kif imressqa."*

4.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku u għaddiet unanimament.

4.6 Il-Viċi Sindku kkwalifika l-vot tiegħu billi astjena fir-rigward tal-kont relatat mas-servizz ta' *scattered bulky refuse*.

4.7 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

4.8 *"Il-Kunsill jaqbel li l-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici fil-kapaċita' tiegħu ta' Editur tal-magażin tal-Kunsill, jattendi għal kors dwar Qari tal-Provi u li l-Kunsill jagħmel tajjeb għall-ispiża li tilħaq l-€400."*

4.9 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

4.10 Il-Kunsill qabel ukoll li ssir laqgħa mal-kumpanija responsabbli mill-*website* tal-Kunsill sabiex din tiġi *upgraded*.

4.11 Il-laqgħa ntemmet fid-8.40pm

Konfermati, illum **21 ta' Frar, 2011**

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello DuPius | Adrian Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |